A.L ----- tal-2022

## ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT

## (KAP. 549)

## ATT DWAR IS-SIGUREZZA TAL-PRODOTTI

## (KAP. 427)

# Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent u bl-artikolu 38 tal-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, u l-Ministru responsabbli għall-Affarijiet tal-Konsumatur, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**
**L.S. 549.43.**

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart u għandhom jinqraw u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Ambjent jista' b'avviż fil-Gazzetta jiddikjara.

**Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.**

**2.** Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) It-tifsira "l-Aġenzija" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

**L.S. 549.28.**
""l-Aġenzija" tfisser Ekonomija Ċirkulari Malta mwaqqfa permezz tal-Ordni li jwaqqaf l-Ekonomija Ċirkulari Malta;"

(b) Minnufih wara t-tifsira "bejjiegħ" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

"ċilindri tal-gass li jistgħu jerġgħu jimtlew" tfisser ċilindri tal-gass li jistgħu jerġgħu jimtlew użati għal tipi differenti ta' gass, imma teskludi ċilindri għat-tifi tan-nar;"

(c) Minnufih wara t-tifsira "Kumitat Konsultattiv dwar Responsabbiltà Estiża tal-Produtturi" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

**Kap. 363.**
""Kunsill Reġjonali" tfisser kunsill reġjonali stabbillit taħt l-Att dwar Gvern Lokali;".

**Iżid ir-regolament 3A ġdid mar-regolamenti prinċipali.**

**3.** Minnufih wara r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

**Responsabbiltà Estiża tal-Produttur u ħtiġiet ġenerali minimi għar-responsabbiltà estiża ta' produttur.**
**L.S. 549.141.**

"**3A**. (1) F'konformità mar-regolament 4 tar-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur, produtturi u rappreżentanti awtorizzati għandhom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-immaniġġar tal-iskart tal-ippakkjar li ġej mill-ippakkjar u l-materjal tal-ippakkjar imqiegħed fis-suq minnhom f'Malta.

(2) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill- produtturi tal-ippakkjar u materjal tal-ippakkjar u r-rappreżentanti awtorizzati li jipparteċipaw f'organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar sabiex josservaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, għandhom ikunu maħduma, fejn ikun possibbli, billi jiġi meqjus id-durabbiltà, ir-riparabbiltà, l-użu mill-ġdid u r-riċiklabbiltà tal-ippakkjar u l-preżenza ta' sustanzi perikolużi fl-ippakkjar;

Iżda produtturi li jipparteċipaw f'organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar li jpoġġu ippakkjar li jista' jerġa' jintuża fuq is-suq ta' Malta li qed jerġa' jintuża f'sistema kif imsemmija fis-subregolament (1) tar-regolament 10A għandhom jiġu mitluba jħalsu tali kontribuzzjoni finanzjarja biss ma' l-ewwel tqegħid fuq is-suq ta' tali ippakkjar li jista' jerġa' jintuża;

Iżda wkoll tali produtturi għandhom juru, għas-sodisfazzjon tal-Awtorità, li hemm fis-seħħ sistema għall-użu mill-ġdid tal-ippakkjar b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. Il-produtturi għandhom jipprovdu lill-organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar id-*data* dwar l-użu mill-ġdid tal-ippakkjar li jista' jerġa' jintuża skont il-formati stabbiliti mill-Awtorità.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-preservazzjoni tal-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea u nazzjonali, organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar għandha tagħmel pubblikament disponibbli informazzjoni dwar:

(a) is-sjieda u s-sħubija tagħha;

(b) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-membri tagħha, dwar kull unità mibjugħa jew dwar kull tunnellata tal-ippakkjar jew materjal tal-ippakkjar mqiegħed fis-suq f'Malta; u

(ċ) il-proċedura ta' selezzjoni tal-operaturi ta' maniġġjar tal-iskart.

(4) Mingħajr preġudizzju għall-preservazzjoni tal-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva f'konformità mal-leġiżlazzjoini rilevanti tal-Unjoni Ewropea u nazzjonali, il-Kunsilli Reġjonali għandhom jagħmlu pubblikament disponibbli informazzjoni dwar:

(a) il-proċedura ta' selezzjoni tal-operaturi ta' maniġġjar tal-iskart;

(b) l-ispejjeż imposti fuq l-organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar għal kull tunnellata ta' skart tal-ippakkjar muniċipali miġbur u ttrattat skont is-subregolamenti (8) u (9) tar-regolament 13; u

(ċ) il-kisba tal-miri stabbiliti fl-Iskeda 3 fir-rigward tal-iskart tal-ippakkjar muniċipali ġġenerat fir-reġjuni tagħhom."

**Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.**

**4.** Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Is-subregolament (1) tiegħu għandu jkun sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Il-Kunsilli Reġjonali għandhom jieħdu l-miżuri neċċessarji sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Iskeda 3 għal dak li jirrigwarda l-iskart tal-ippakkjar muniċipali ġġenerat fir-reġjuni tagħhom."

(b) Is-subregolamenti (2) sa (12) tiegħu għandhom jiġu nnumerati mil-ġdid bħala subregolamenti (3) sa (13) rispettivament.

(c) Minnufih wara s-subregolament (1) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Produttur awtokonformi jew organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar li jaġixxu f'isimhom għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Iskeda 3 għal dak li jirrigwarda l-iskart tal-ippakkjar intiż għat-trasport u, jew ċilindri tal-gass li jistgħu jerġgħu jimtlew li tqiegħdu fis-suq f'Malta."

(d) Fis-subregolament (6) kif enumerat mil-ġdid, il-kliem "tas-subregolament (4)(a)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tas-subregolament (5)(a)".

(e) Fis-subregolament (7) kif enumerat mil-ġdid, il-kliem "fis-subregolamenti (4)(a) u 5(a) u (b)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fis-subregolamenti (5)(a) u 6(a) u (b)".

(f) Fis-subregolament (12) kif enumerat mil-ġdid, il-kliem "fis-subregolament (1)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fis-subregolamenti (1) u (2)".

(g) Minnufih wara is-subregolament (13) kif enumerat mil-ġdid, għandu jiżdied is-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(14) Il-Kunsilli Reġjonali għandhom jippreżentaw rapporti kull sitt xhur lill-awtorità kompetenti fi żmien tlett (3) xhur kalendarji wara t-tmiem ta' dak il-perjodu, filwaqt li rapport annwali għandu jiġi ppreżentat lill-awtorità kompetenti fi żmien erba' (4) xhur kalendarji mill-għeluq tas-sena. Tali rapporti għandhom jiġu sottomessi kemm f'verżjoni elettronika kif ukoll f'kopja fiżika.

Ir-rapporti ta' kull sitt xhur u dawk annwali għandhom jinkludu minn tal-inqas l-informazzjoni stabbilita fl-Iskeda 16 flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' tintalab mill-awtorità kompetenti.

**L.S. 549.39.**

(15) Mingħajr preġudizzju għall-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, kopja diġitali tar-rapporti ta' kull sitt xhur u dawk annwali msemmija fis-subregolament (14) għandha tkun

magħmula disponibbli skont ir-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent:

Iżda l-informazzjoni relatata mal-Parti A tal-Iskeda 16 biss għandha tkun magħmula disponibbli.

(16) Il-Kunsilli Reġjonali għandhom jużaw is-servizzi ta' awditur indipendenti, approvat mill-awtorita kompetenti, biex jiċċertifika l-informazzjoni kollha rrapportata lill-awtorità kompetenti. L-awditur ikun meħtieġ li jiċċertifika li l-informazzjoni kollha rrapportata hija konformi mal-obbligi ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda wkoll il-Kunsilli Reġjonali għandhom jiżguraw li tidħol fis-seħħ proċedura tajba ta' verifika għat-traċċabilità, monitoraġġ u kontroll għall-iskart tal-ippakkjar muniċipali kollu mmaniġġat.

(17) Il-Kunsilli Reġjonali għandhom jissottomettu r-rapport ta' verifika msemmi fis-subregolament (16) flimkien mar-rapport annwali msemmi fis-subregolament (14), kemm f'verżjoni elettronika kif ukoll kopja fiżika.

(18) Il-Kunsilli Reġjonali għandhom jżommu l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (14) minn tal-inqas għal ħames (5) snin. Dawn ir-rekords għandhom ikunu magħmula disponibbli fuq talba tal-awtorità kompetenti.

(19) L-Awtorità kompetenti tista' timponi penali amministrattiva fuq:

(i) Kunsill Reġjonali, jew

(ii) produttur awtokonformi, jew

(iii) organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar li jaġixxi f'isem il-produtturi li jqiegħdu fuq is-suq l-ippakkjar intiż għat-trasport u, jew ċilindri tal-gass li jistgħu jerġgħu jimtlew,

jekk jirriżulta li fi kwalunkwe sena, xi wieħed minn dawk imsemmija hawn fuq ikun naqas milli jilħaq il-minimu tal-mira ġenerali ta' riċiklaġġ applikabbli stipulata fl-Iskeda 3. Tali penali għandha tiġi kkalkulata skont il-mekkaniżmu stabbilit fl-Iskeda 17.".

**Jemenda r-regolament 10A tar-regolamenti prinċipali.**

**5.** Is-subregolament (2) tar-regolament 10A tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Il-Ministru jista' jiddeċiedi li livell aġġustat tal-miri msemmija fit-taqsimiet 2 u 3 tal-Iskeda 3 għandhom jintlaħqu għal sena partikolari, billi jiġi meqjus is-sehem medju, fit-tliet snin preċedenti, tal-ippakkjar tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba u użat mill-ġdid bħala parti minn sistema biex l-ippakkjar jintuża mill-ġdid:

Iżda l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li produtturi awtokonformi tal-ċilindri tal-gass li jistgħu jerġgħu jimtlew, għandhom jilħqu livell aġġustat tal-miri msemmija fit-taqsimiet 2 u 3 tal-Iskeda 3 għandhom jintlaħqu għal sena partikolari billi jitqies is-sehem medju, fit-tliet snin preċedenti, ta' tali l-ippakkjar tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba u użat mill-ġdid bħala parti minn sistema biex l-ippakkjar jintuża mill-ġdid.".

**Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.**

**6.** Ir-regolament 13 fir-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

**Il-ġbir, trattament u r-rimi tal-iskart tal-ippakkjar**

"**13.** (1) Il-Kunsilli Reġjonali għandhom, f'dak li jirrigwarda l-iskart tal-ippakkjar muniċipali ġġenerat fir-reġjuni tagħhom, jużaw sistemi eżistenti jew jistabbilixxu sistemi ġodda, skont kwalunkwe liġijiet u regolamenti eżistenti, biex jipprovdu għal:

(a) ġbir reġjonali bieb b'bieb tal-iskart tal-ippakkjar muniċipali u t-trasport tiegħu għal intrapriżi jew stabbilimenti awtorizzati tal-immaniġġar tal-iskart; u

**L.S. 549.63.**

(b) trattament tal-iskart miġbur tal-ippakkjar muniċipali kollu b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent skont il-ġerarkija dwar l-iskart stipulata fir-regolament 4A tar-Regolamenti dwar l-Iskart.

(2) Organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar għandha tagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-Kunsilli Lokali għal:

**L.S. 549.63.**

(a) provediment u l-manteniment ta' *recycling points* għall-ġbir separat, skont il-kategoriji, tal-iskart tal-ippakkjar muniċipali ġġenerat skont il-kwota stipulata fir-regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar l-Iskart. Għall-finijiet tar-*recycling points* imsemmija f'dan il-paragrafu, ġbir separat m' għandux jinkludi ġbir imħallat skont it-tifsira ta' ġbir imħallat fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart. Organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar għandha żżomm tali siti fi stat tajjeb u nadif f'kull ħin; u

(b) ġbir f'waqtu ta' tali skart tal-ippakkjar u t-trasport tiegħu għal intrapriżi jew stabbilimenti awtorizzati tal-immaniġġar tal-iskart li ġew magħżula mill-Kunsilli Reġjonali rispettivi:

Iżda meta l-organizzazzjonijiet awtorizzati ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar jonqsu milli jaslu għal qbil ma' Kunsilli Lokali partikolari, l-awtorità kompetenti, f'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv EPR, għandha talloka lil dawk il-Kunsilli Lokali mingħajr arranġamenti fost l-organizzazzjonijiet awtorizzati ta' rkupru ta' skart tal-ippakkjar fuq il-bażi ta':

(a) l-aħħar dikjarazzjoni ta' kull tlett xhur sottomessa mill-organizzazzjoni awtorizzata għall-irkupru ta' skart tal-ippakkjar skont ir-regolament 17(1); u

(b) id-demografiċi attwali ta' dawk il-Kunsilli Lokali.

(3) Produtturi awtokonformi jew terzi li jaġixxu għan-nom ta' produtturi li jpoġġu fuq is-suq f'Malta ippakkjar intiż għat-trasport u, jew ċilindri tal-gass li jistgħu jerġgħu jimtlew, għandhom jiżguraw li, f'dak li jirrigwarda l-ippakkjar użat u l-iskart tal-ippakkjar li jirriżulta mill-attivitajiet tagħhom, jużaw sistemi eżistenti jew jistabbilixxu sistemi ġodda, individwalment jew kollettivament, jew it-tnejn, skont kwalunkwe liġijiet u regolamenti eżistenti, biex jipprovdu għal:

(a) ritorn u, jew ġbir ta' ppakkjar użat u, jew skart tal-ippakkjar mingħand il-konsumatur, persuna oħra li tużah b'mod finali, jew mill-fluss ta' skart sabiex jitqiegħed fl-alternattivi tal-immaniġġar tal-iskart l-aktar xierqa;

(b) użu mill-ġdid tal-ippakkjar li jista' jerġa' jintuża b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent;

(ċ) preparazzjoni għal użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ tal-iskart tal-ippakkjar miġbur, kif meħtieġ, bħala minimu, għall-kisba tal-miri stabbiliti fl-Iskeda 3.

(4) Sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' dan ir-regolament, il-produtturi jew terzi li jaġixxu għan-nom tagħhom għandhom:

(a) iwettqu kampanji ta' informazzjoni, fejn jenfasizzaw l-importanza tal-ġbir separat tal-iskart tal-ippakkjar, u jiżguraw it-trattament korrett tal-iskart tal-ippakkjar;

(b) jipprovdu faċilitajiet adegwati fl-istabbiliment tagħhom jew f'siti jew stabbilimenti oħra hekk identifikati, fejn l-iskart tal-ippakkjar ikun jista' jiġi depożitat b'xejn mill-konsumatur, u fejn l-iskart tal-ippakkjar ikun jista' jiġi milqugħ, segregat u maħżun;

(ċ) jiżguraw li l-faċilitajiet imsemmija fil-paragrafu (b) ikunu faċilment identifikabbli u aċċessibbli mill-konsumaturi;

(d) jagħmlu dawk l-arranġamenti meħtieġa biex l-iskart tal-ippakkjar miġbur ikun magħmul disponibbli għal-preparazzjoni għal-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ.

(5) Il-Kunsilli Reġjonali, il-produtturi awtokonformi jew terzi li jaġixxu għan-nom ta' produtturi li jpoġġu fuq is-suq ippakkjar intiż għat-trasport u, jew ċilindri tal-gass li jistgħu jerġgħu jimtlew, m'għandhomx jiddisponu mill-iskart tal-ippakkjar miġbur mingħajr ma l-ewwel jagħmlu dan l-iskart disponibbli għall-użu mill-ġdid jew għall-irkupru li jinkludi r-riċiklaġġ.

(6) Is-sistemi msemmija fis-subregolamenti (1) u (3) għandhom ikunu miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-operaturi ekonomiċi tas-setturi kkonċernati u għall-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. Għandhom japplikaw ukoll għal prodotti importati taħt kondizzjonijiet ta' ebda diskriminazzjoni, inklużi arranġamenti dettaljati u kwalunkwe tariffi imposti għall-aċċess għas-sistemi, u għandhom ikunu mfassla b'mod li jevitaw kwalunkwe ostakolu għall-kummerċ jew distorsjoni fil-kompetizzjoni f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(7) Il-miżuri msemmija fis-subregolamenti (1), (3), (4), (5) u (8) għandhom jiffurmaw parti minn politika li tkopri l-ippakkjar u l-iskart mill-ippakkjar kollu u għandhom iqisu, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti rigward il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-konsumatur, is-sikurezza u l-iġjene, il-protezzjoni tal-kwalità, l-awtentiċità u l-karatteristiċi tekniċi tal-prodotti ppakkjati u materjali użati, u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà industrijali u kummerċjali.

(8) Organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar għandha tiffinanzja kwalunkwe sistema stabbilità mill-Kunsilli Reġjonali għall-ġbir bieb b'bieb, it-trattament, l-irkupru u r-rimi li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent tal-iskart tal-ippakkjar muniċipali kollu ġġenerat skont is-sehem fis-suq annwali tagħha:

Iżda l-organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar għandha tagħmel l-arranġamenti neċċessarji mal-Kunsilli Reġjonali għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji

tagħha lejn is-sistemi msemmijin hawn fuq. Dan il-ħlas għandu jsir fi żmien tmien (8) xhur wara t-tmiem ta’ kull sena kalendarja.

***L.S. 549.XX.***

***L.S. 549.141.***

(9) Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar Qafas dwar Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmijin fis-subregolament (8) għandhom bħala minimu jkopru l-ispejjeż stabbiliti fis-subregolament (3)(a) tar-regolament 6 tar-Regolamenti dwar Qafas ta’ Responsabbiltà Estiża tal-Produttur:

Iżda il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa minn organizzazzjoni awtorizzata ta’ rkupru tal-iskart tal-ippakkjar m’għandhomx jaqbżu l-ispejjeż li huma meħtieġa biex jiġu pprovduti servizzi ta’ maniġġar tal-iskart b'mod kosteffiċjenti. Tali spejjeż għandhom jiġu stabbiliti b’mod trasparenti bejn l-Awtorità, il-Kunsilli Reġjonali, l-organizzazzjonijiet awtorizzati ta’ irkupru tal-iskart tal-ippakkjar u kwalunkwe atturi oħrajn ikkonċernati.

(10) Is-sehem fiq-suq imsemmi fis-subregolament (8) għandu jkun stabbilit mill-Awtorità fuq il-bażi tal-aħħar dikjarazzjoni annwali vverifikata li ġiet sottomess mill-organizzazzjoni awtorizzata ta’ rkupru tal-iskart tal-ippakkjar skont ir-regolament 17(1).

**L.S. 549.141.**

(11) L-awtorità kompetenti, f’konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv EPR, għandha tiżgura li sal-31 ta’ Diċembru 2024, l-iskemi ta’ responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għall-ippakkjar kollu skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Qafas ta’ Responsabbiltà Estiża tal-Produtturi.

**L.S. 549.63.**

(12) Il-Ministru, wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jieħu miżuri biex jippromwovi riċiklaġġ ta’ kwalità għolja tal-iskart mill-ippakkjar u biex jiġu sodisfatti l-istandards ta’ kwalità meħtieġa għas-setturi rilevanti tar-riċiklaġġ. Għal dak il-għan, ir-regolament 10Ċ(1) tar-Regolamenti dwar l-Iskart għandu japplika għall-iskart mill-ippakkjar, inkluż mill-ippakkjar imħallat.”

**Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.**

**7.** Ir-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem “fl-iskart mid-djar u skart minbarra skart mid-djar” għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem “fl-iskart muniċipali”; u

(b) Is-subregolament (3) tiegħu għandu jkun sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

“(3) L-eżitu tal-istħarriġ dwar il-karatterizzazzjoni tal-iskart tal-ippakkjar imsemmi fis-subregolament (1) jista’ jiġi applikat sabiex:

(a) Jiġu kkalkulati r-rati attwali tal-iskart tal-ippakkjar irkuprat u rriċiklat skont ir-regolament 8; u
(b) Jiġu stabbiliti l-ispejjeż msemmija fis-subregolamenti (8) u (9) tar-regolament 13.”

**Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.**

**8.** Ir-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "tal-produtturi jew ta' terzi li jaġixxu għan-nom tagħhom" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Kunsilli Reġjonali, produtturi awtokonformi jew terzi li jaġixxu għan-nom ta' produtturi li jpoġġu fuq is-suq f'Malta ippakkjar intiż għat-trasport u, jew ċilindri tal-gass li jistgħu jerġgħu jimtlew,";

(b) Fis-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "tal-produtturi jew ta' terzi li jaġixxu għan-nom tagħhom" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Kunsilli Reġjonali, produtturi awtokonformi jew terzi li jaġixxu għan-nom ta' produtturi li jpoġġu fuq is-suq f'Malta ippakkjar intiż għat-trasport u, jew ċilindri tal-gass li jistgħu jerġgħu jimtlew,";

(c) Fis-subregolament (3) tiegħu, il-kliem "jekk il-produtturi jew ta' terzi li jaġixxu għan-nom tagħhom" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jekk il-Kunsilli Reġjonali, produtturi awtokonformi jew terzi li jaġixxu għan-nom ta' produtturi li jpoġġu fuq is-suq f'Malta ippakkjar intiż għat-trasport u, jew ċilindri tal-gass li jistgħu jerġgħu jimtlew";

(d) Fis-subregolament (4) tiegħu, il-kliem "jekk il-produtturi jew ta' terzi li jaġixxu għan-nom tagħhom" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jekk il-Kunsilli Reġjonali, produtturi awtokonformi jew terzi li jaġixxu għan-nom ta' produtturi li jpoġġu fuq is-suq f'Malta ippakkjar intiż għat-trasport u, jew ċilindri tal-gass li jistgħu jerġgħu jimtlew";

**Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.**

**9.** Ir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Is-subregolament (2) tiegħu għandu jkun sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti b'mod kosteffiċjenti, il-produtturi huma obbligati li jissieħbu ma' organizzazzjoni awtorizzata tal-irkupru tal-iskart tal-ippakkjar debitament awtorizzata mill-awtorità kompetenti għall-ippakkjar kollu mqiegħed fis-suq:

Iżda produtturi jistgħu jagħżlu li jkunu awtokonformi għal:

(a) ippakkjar intiż għat-trasport li jitqiegħed fis-suq; u, jew

(b) ippakkjar tal-bejgħ li jikkonsisti f'ċilindri tal-gass li jistgħu jerġgħu jimtlew, jekk huma juru għas-sodisfazzjon tal-Awtorità li jeżistu sistemi għall-użu mill-ġdid taċ-ċilindri tal-gass użati b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u l-ġestjoni ambjentalment tajba taċ-ċilindri tal-gass li saru skart."

(b) Is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) Il-kliem "l-iskart għall-ippakkjar intiż għat-trasport" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-iskart tal-ippakkjar li jirriżulta minn ippakkjar intiż għat-trasport u, jew ċilindri tal-gass li jistgħu jerġgħu jimtlew,"; u

(ii) Il-kliem "tal-ippakkjar kollu"  għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-ippakkjar għal dak l-ippakkjar kollu".

(c) Is-subregolament (4) tiegħu għandhu jiġi mħassar.

**Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.**

**10.** Ir-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Paragrafu (b) tas-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:
"(b) Jipprovdi lill-awtorità kompetenti sat-31 ta' Marzu ta' kull sena dikjarazzjoni bl-informazzjoni fuq l-piż attwali ta' ippakkjar intiż għall-bejgħ ta' prodotti u ippakkjar kollettiv jew materjal tal-ippakkjar imqiegħed fis-suq nazzjonali fis-sena kalendarja preċedenti mill-membri tagħha, skont il-*format* stabbillit mill-Awtorità. Id-dikjarazzjoni msemmija għandha tiġi vverifikat minn awditur indipendenti kif imsemmi fis-subregolament (4)."

(b) Fil-paragrafu (c) tas-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "ir-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-regolament 8 għas-sena preċedenti";

**L.S. 549.39.**

(c) Fis-subregolament (3) tiegħu, il-kliem "skont l-Att" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont ir-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent"; u

(d) Is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) Il-kliem "approvat skont l-Att," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "approvat mill-awtorita kompetenti,"; u

(ii) minnufih wara l-kliem "tidħol fis-seħħ"  għandhom jiżdiedu il-kliem "għall-ippakkjar li jista' jerġa' jintuża li ġie użat mill-ġdid u".

**Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.**

**11.** Ir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fit-tieni paragrafu tas-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "fil-Parti A tal-Iskeda 8" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fl-Iskeda 8"; u

(b) Fil-paragrafu (c) tas-subregolament (3) tiegħu, il-kliem "fil-Parti A tal-Iskeda 8" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fl-Iskeda 8".

**Jemenda r-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali.**

**12.** Ir-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

**L.S. 549.39.**

(a) Fis-subregolament (6) tiegħu, il-kliem "skont l-Att" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont ir-Regolamenti dwar il-Libertà ta' Aċċess għal Informazzjoni dwar l-Ambjent";

(b) Is-subregolament (7) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "appruvat skont l-Att" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "approvat mill-awtorita kompetenti"; u
(ii) minnufih wara l-kliem "tkun fis-seħħ" għandhom jiżdiedu il-kliem "għall-ippakkjar li jista' jerġa' jintuża li ġie użat mill-ġdid u".

(c) Is-subregolament (10) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(10) Il-produtturi jew terzi li jaġixxu għan-nom tagħhom jistgħu jipprovdu, fuq bażi volontarja, dik l-informazzjoni ulterjuri li tkun disponibbli dwar l-ippakkjar u l-iskart tal-ippakkjar. Tali informazzjoni tista', *inter alia*, tinkludi *data* fuq il-produzzjoni, esportazzjoni u importazzjoni ta' ippakkjar vojt u sotto-frazzjonijiet speċifiċi tal-ippakkjar.".

**Jemenda r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.**

**13.** Ir-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fis-subregolament (7) tiegħu, il-kliem "sa mhux aktar tard minn xahar qabel tiskadi l-awtorizzazzjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sa mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel tiskadi l-awtorizzazzjoni";

(b) Fit-tieni paragrafu tas-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "fil-Parti A tal-Iskeda 11" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fl-Iskeda 11"; u

(c) Is-subregolament (10) tiegħu għandhu jiġi mħassar.

**Jemenda l-Iskeda 3 tar-regolamenti prinċipali.**

**14.** L-Iskeda 3 tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) Fil-paragrafu (1) tiegħu, il-kliem "Il-produtturi jew organizzazzjonijiet awtorizzati ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar li jaġixxu f'isimhom" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Il-Kunsilli Reġjonali, produtturi awtokonformi jew organizzazzjonijiet awtorizzati ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar li jaġixxu għan-nom ta' produtturi li jpoġġu fuq is-suq ippakkjar intiż għat-trasport u, jew ċilindri tal-gass li jistgħu jerġgħu jimtlew";
(b) Fil-paragrafu (2) tiegħu, il-kliem "produtturi jew organizzazzjonijiet awtorizzati ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar li jaġixxu f'isimhom" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Kunsilli Reġjonali, produtturi awtokonformi jew organizzazzjonijiet awtorizzati ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar li jaġixxu għan-nom ta' produtturi li jpoġġu fuq is-suq ippakkjar intiż għat-trasport u, jew ċilindri tal-gass li jistgħu jerġgħu jimtlew"; u
(c) Fil-paragrafu (3) tiegħu, il-kliem "produtturi jew organizzazzjonijiet awtorizzati ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar li jaġixxu f'isimhom" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Kunsilli Reġjonali, produtturi awtokonformi jew organizzazzjonijiet awtorizzati ta' rkupru tal-iskart

tal-ippakkjar li jaġixxu għan-nom ta' produtturi li jpoġġu fuq is-suq ippakkjar intiż għat-trasport u, jew ċilindri tal-gass li jistgħu jerġgħu jimtlew".

**Jemenda l-Iskeda 5 tar-regolamenti prinċipali.**

**15.** Fl-Iskeda 5 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara r-raba subparagrafu fil-Parti B tiegħu, għandu jiżdied is-subparagrafu ġdid li ġej:

"- Quantities of grouped packaging or packaging material placed on the national market, by weight and by material during the specific reporting period in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;".

**Jemenda l-Iskeda 7 tar-regolamenti prinċipali.**

**16.** L-Iskeda 7 tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) Minnufih wara t-tielet subparagrafu fil-Parti A tiegħu, għandhom jiżdiedu s-subparagrafu ġodda li ġejin:

"- Quantities of grouped packaging or packaging material placed on the national market, by weight and by material during the specific reporting period in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;
- Quantities of transport packaging or packaging material placed on the national market, by weight and by material during the specific reporting period in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;".

(b) Fir-raba' subparagrafu fil-Parti B tiegħu, il-kliem "packaging by consumers;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "transport packaging and, or refillable gas cylinders by end-users;".

**Jemenda l-Iskeda 8 tar-regolamenti prinċipali.**

**17.** L-Iskeda 8 tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) It-titolu tiegħu għandu jiġi sostitwit bit-titolu ġdid li ġej:

"SCHEDULE 8
(Regulation 21)
FEE FOR A PRODUCER OF PACKAGING OR PACKAGING MATERIAL";

(b) Il-Kliem "Part A: Fee for a producer of packaging or packaging material" għandhom jiġu mħassrin.

(c) Il-Parti B tiegħu għandu jiġi mħassar.

**Jemenda l-Iskeda 10 tar-regolamenti prinċipali.**

**18.** Il-parti B tal-Iskeda 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fid-disa’ sub-paragrafu tiegħu, minnufih wara l-kliem “of packaging waste” għandhom jiżdiedu l-kliem “arising from transport packaging and, or refillable gas cylinders”;

(b) Fil-ħdax-is sub-paragrafu tiegħu, l-kelma “packaging” għandha tiġi sostitwita bil-kliem “transport packaging and, or refillable gas cylinders”’;

(c) Minnufih wara l-ħdax-is subparagrafu tegħu, għandu jiżdied is-subparagrafu ġdid li ġej:

“- Details of the proposed system to be adopted in order to ensure the provision of recycling points to Local Councils for the separate collection, by categories, of municipal packaging waste generated according to the quota stipulated in regulation 10(2) of the Waste Regulations, as well as their maintenance and timely collection and transfer of such packaging waste to the waste management undertaking(s) selected by the relevant Regional Councils;”;

(d) Fit-tlettax-is sub-paragrafu tiegħu kif enumerat mill-ġdid, il-kelma “consumer” għandha tiġi sostitwita bil-kelma “end-user”, u l-kliem “packaging waste;” għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem “packaging waste arising from transport packaging and, or refillable gas cylinders;”; u

(e) Fis-sbattax-is sub-paragrafu tiegħu kif enumerat mill-ġdid, il-kelma “scheme” għandha tiġi sostitwita bil-kliem “producer responsibility organisation for all categories of packaging”.

**Jemenda l-Iskeda 11 tar-regolamenti prinċipali.**

**19.** L-Iskeda 11 tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(b) It-titolu tiegħu għandu jiġi sostitwit bit-titolu ġdid li ġej:

“SCHEDULE 11

(Regulation 24)

FEE FOR AN AUTHORISED PACKAGING WASTE RECOVERY ORGANISATION”;

(d) Il-Kliem “Part A: Fee for an authorised packaging waste recovery scheme” għandhom jiġu mħassrin.

(e) Il-Parti B tiegħu għandu jiġi mħassar.

**Jemenda l-Iskeda 12 tar-regolamenti prinċipali.**

**20.** Fl-Iskeda 12 tar-regolamenti prinċipali, l-aħħar subparagrafu għandu jġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

“- Certification by the approved person as to whether the relevant producer has complied with his Extended Producer Responsibility Obligations. With respect to producers placing on the market transport packaging and, or refillable gas cylinders, certification as to whether the relevant producer has complied with his recovery and recycling obligations.”.

**Jemenda l-Iskeda 15 tar-regolamenti prinċipali.**

DRAFT

**21.** Fl-Iskeda 15 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem “il-paragrafu (d) tas-subregolament (2) tar-regolament 8” għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem “il-paragrafu (d) tas-subregolament (3) tar-regolament 8”.

**Jiżdiedu skedi ġodda mar-regolamenti prinċipali.**

**22.** Minnufih wara l-Iskeda 15 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu l-iskeda ġodda li ġejjin:

“SCHEDULE 16

(Regulation 8)

INFORMATION TO BE CONTAINED IN THE HALF-YEARLY AND ANNUAL REPORTS OF REGIONAL COUNCILS

*Part A: Environmental Information on the waste management operations of the Regional Council*

- Statement of Compliance with the obligations of these regulations;

- Quantities, by weight and by material, of municipal packaging waste generated in the territory of the Regional Council during the specific reporting period in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;

- Quantities, by weight and by material, of collected municipal packaging waste that has been recycled and recovered during the specific reporting period in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority; and

- Information about packaging waste considered as hazardous due to contamination by product contents, within the meaning of the Waste Regulations, in particular if it is not suitable for recovery.

*Part B: Commercial and other information on the waste management operations of the Regional Council*

- List of Authorised Waste Management Undertakings used during the reporting period for the carrying out of the waste management operations pertaining to the municipal packaging waste generated in the territory of the Regional Council;

- An appropriate description of how the data has been compiled, including any explanation of any estimates used; and

- A description of the system(s) adopted by the Regional Council for the collection and treatment of all municipal packaging waste generated in its territory.”; u

“SCHEDULE 17

(Regulation 8)

ADMINISTRATIVE PENALTY

DRAFT

The Authority may impose an administrative penalty in accordance with regulation 8(19) and article 81 of the Act upon a Regional Council, or a self-compliant producer, or an authorised packaging waste recovery organisation acting on behalf of producers placing on the market transport packaging and, or refillable gas cylinders, that failed to achieve the applicable minimum overall recycling target during the previous year. Such administrative penalty is calculated as follows:

$A*(B - C)*D = AP$

where:-

In the case of a self-compliant producer or an authorised packaging waste recovery organisation acting on behalf of producers placing on the market transport packaging and, or refillable gas cylinders, "A" is the total weight, in tonnes of such packaging placed on the market in Malta by the self-compliant producer or the members of the producer responsibility organisation during the operational (calendar) year;

In the case of a Regional Council, “A” is the total weight, in tonnes of municipal packaging waste generated within its territory during the operational (calendar year).

“B” is the minimum overall recycling target set out in Schedule 3 applicable for that operational (calendar) year;

In the case of a self-compliant producer or an authorised packaging waste recovery organisation acting on behalf of producers placing on the market transport packaging and, or refillable gas cylinders, “C” is the total rate of packaging waste arising from such packaging recycled by the self-compliant producer or the producer responsibility organisation during the operational year, provided that if C is greater than or equal to B, AP would be considered to be equal to zero (0);

In the case of a Regional Council, "C" is the rate of total municipal packaging waste recycled by the Regional Council during that operational (calendar) year.

"D" is a fee equivalent to

In the case of a Regional Council:

- one hundred euro (€100) per tonne if the difference between "B" and "C" is more than 25 percentage points;
- seventy-five euro (€75) per tonne if the difference between "B" and "C" is between 10 to 25 percentage points, both inclusive; and
- fifty-five euro (€55) per tonne if the difference between "B" and "C" is less than 10 percentage points;

In the case of a self-compliant producer or a producer responsibility organisation acting on behalf of producers placing on the market transport packaging and, or refillable gas cylinders:

- three hundred and twenty euro (€320) per tonne if the difference between "B" and "C" is more than 25 percentage points;
- two hundred and fifty euro (€250) per tonne if "B" is less than 50% but greater than or equal to 25%; and

- one hundred and eighty euro (€180) per tonne if "B" is less than 55% but greater than or equal to 50%.

"AP" is the administrative penalty for a Regional Council, or a self-compliant producer or an authorised packaging waste recovery organisation acting on behalf of producers placing on the market transport packaging and, or refillable gas cylinders, that fails to achieve the minimum overall recycling target applicable for that operational (calendar) year:

Provided that the Authority may waive the administrative fine in case where the party notified with the Authority's intention to issue an administrative fine provides evidence to the satisfaction of the Authority that the non-attainment of target is due to exceptional reasons beyond his control:

Provided further that any pending additional fees at the entry into force of this Legal Notice shall no longer be due.".

**Jemenda dispożizzjonijiet varji tar-regolamenti prinċipali.**

**23.** (1) Fir-regolamenti prinċipali, il-kliem "packaging waste recovery scheme", kull fejn jinsabu, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "packaging waste recovery organisation".

(2) Fir-regolamenti prinċipali, il-kelma "scheme", kull fejn tinsab, sakemm tali kelma ma tifformax parti mill-frażi "packaging waste recovery scheme", għandha tiġi sostitwita bil-kliem "producer responsibility organisation".

DRAFT